

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2020 – OJ vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-709/20)

(2021/C 28/96)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: RJ (rappreżentant: H. von Harpe, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) tal-1 ta' Settembru 2020, bir-referenza Ares(2020)s. 5088474, u l-atti kollha relatati magħha;
- tiftaħ mill-ġdid il-kompetizzjoni EPSO/AD/380/19 intiża li tiġi stabbilita lista ta' riżerva għall-Kummissjoni Ewropea għar-reklutaġġ ta' amministraturi (AD7/AD9) fil-kooperazzjoni internazzjonali u fl-immaniġġjar tal-ġhajjnuna lil pajjiżi mhux tal-UE, konformement mar-regoli u, b'mod partikolari, b'perijodu raġonevoli li jippermetti lill-applikant jirreġistra;
- sussidjarjament, terġa' torganizza l-kompetizzjoni miftuħa EPSO/AD/380/19 intiża li tiġi stabbilita lista ta' riżerva għall-Kummissjoni għar-reklutaġġ ta' amministraturi (AD7/AD9) fil-kooperazzjoni internazzjonali u fl-immaniġġjar tal-ġhajjnuna lil pajjiżi mhux tal-UE, konformement mar-regoli u, b'mod partikolari, b'terminu raġonevoli għat-tressiq ta' applikazzjonijiet; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) li tirrifjuta li tippermetti lir-rikorrent jipparteċipa fit-testijiet ta' mistoqsijiet b'għażla ta' tweġibiet bil-kompjuter wara l-perijodu tal-ittestjar stabbilit fil-kompetizzjoni miftuħa EPSO/AD/380/19.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoqa żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: inugwaljanza fit-trattament

- Il-konvenut aġixxa b'mod li jikkostitwixxi inugwaljanza fit-trattament. Huwa ma qabbilx sitwazzjonijiet paragunabbli. Minħabba l-ħidma tiegħu bħal delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrent kien suġġett għal restrizzjonijiet ta' sigurtà u ta' mobbiltà li ma ppermettewlux jivvjaġġa barra mill-pajjiż fi żmien qasir. Barra minn hekk, fl-assenza tiegħu, ma kien hemm ħadd min jieħu ħsieb uliedu.

— Kien meħtieġ perijodu twil ta' ppjanar minn qabel sabiex jivvjaġġa barra mill-pajjiż tal-impjeg tiegħu. L-EPPO kien imissu evalwa u qies debitament dan. Minflok, l-EPPO jqabbel is-sitwazzjoni tar-rikorrent fil-post ta' impjeg tiegħu ma' applikanti oħra li, iżda, jgħixu f'pajjiżi b'sitwazzjoni ta' sigurtà ħafna aħjar. Ir-riżultat huwa li kandidati bħar-rikorrent ikunu żvantaġġati b'mod kostanti minħabba sitwazzjoni ta' sigurtà li ma humiex responsabbli għaliha.

2. It-tieni motiv: ksur tad-dmir ta' premura

- Barra minn hekk, il-konvenut kiser id-dmir ta' premura tiegħu fil-konfront tar-rikorrent. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent kien espost għal riskju ta' sigurtà ikbar fil-post ta' impjeg tiegħu. Minflok ma evalwa dan u minflok ma għamilha kemm jista' jkun faċli għar-rikorrent li jipparteċipa fil-proċedura ta' selezzjoni, l-EPPO insista fuq il-perijodi fissi u stretti għall-ittejtjar.
 - B'hekk, ir-rikorrent kien obligat jiehru riskji ta' sigurtà kunsiderevoli u possibbilment jikser regoli lokali. Dan imur kontra d-dmir ta' premura fil-konfront tar-rikorrent li, bħala impjegat, kien jaqa' wkoll fil-portata tal-protezzjoni tad-dmir ta' premura.
-